Verżjoni Elettronika

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 21,157, 28 ta' Novembru, 2023
Taqsima A

MALTA

ATT Nru XXXIX tal-2023

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT sabiex jemenda l-Att dwar l-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla, Kap. 607.

ACT No. XXXIX of 2023

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to amend the Further and Higher Education Act, Cap. 607.

Verżjoni Elettronika

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) **FRANK BEZZINA**
Aġent President

28 ta' Novembru, 2023

ATT Nru XXXIX tal-2023

ATT sabiex jemenda l-Att dwar l-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla, Kap. 607.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu l-Att tal-2023 li jemenda l-Att dwar l-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla u dan l-Att għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar l-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali". Kap. 607.

(2) Dan l-Att għandu jidħol fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-edukazzjoni jista' b'avviż fil-Gazzetta jistabbilixxi, u jistgħu jiġu hekk stabbiliti dati differenti għal dispożizzjonijiet differenti jew għanijiet differenti ta' dan l-Att.

Emenda tal-artikolu 8 tal-Att prinċipali.

2. L-artikolu 8 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, il-kliem "mhux anqas minn ħames (5) membri u mhux aktar minn seba' (7) membri" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "mhux anqas minn sitt (6) membri u mhux aktar minn disa' (9) membri";

(b) is-subartikolu (2) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

Verżjoni Elettronika

(i) fil-paragrafu (a) tiegħu, il-kliem "sa ħames (5) persuni" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "sa sitt (6) persuni";

(ii) fil-paragrafu (b) tiegħu, il-kliem "b'Diżabilità; u" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "b'Diżabilità;"; u

(iii) fil-paragrafu (ċ) tiegħu, il-kliem "msemmi fl-artikolu 17." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "msemmi fl-artikolu 17; u" u minnufih wara għandu jiġi miżjud dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(d) student li jkun qiegħed isegwi programm ta' studju sħiħ f'Livell MQF 7 jew ogħla."; u

(ċ) fis-subartikolu (3) tiegħu, minnufih wara l-kliem "taċ-Chairperson." għandhom jiġu miżjuda l-kliem "Dan japplika wkoll f'każ ta' riżenja jew tneħħija taċ-Chairperson, sakemm jinħatar Chairperson ġdid.".

Emenda tal-artikolu 17 tal-Att prinċipali.

3. Is-subartikolu (3) tal-artikolu 17 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(3) Il-Kumitat għandu jinħatar mill-Bord wara sejħa pubblika, fejn il-kumitat tal-għażla għandu jkun magħmul miċ-Chairperson tal-Bord, l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, jew rappreżentant maħtur minnu, u mill-persuna responsabbli mill-Kwalità u Standards fi ħdan l-Awtorità. Il-Kumitat għandu jkun magħmul mill-membri li ġejjin:

(a) persuna waħda (1) li jkollha fil-pussess tagħha kwalifika fil-Livell MQF 8 fil-qasam tal-Arti li għandha tinħatar għal perjodu massimu ta' tliet (3) snin;

(b) persuna waħda (1) li jkollha fil-pussess tagħha kwalifika fil-Livell MQF 8 fil-qasam tax-Xjenza li għandha tinħatar għal perjodu massimu ta' tliet (3) snin;

(ċ) persuna waħda (1) li jkollha fil-pussess tagħha kwalifika fil-Livell MQF 8 fil-qasam tal-Edukazzjoni Vokazzjonali li għandha tinħatar għal perjodu massimu ta' tliet (3) snin;

(d) żewġ (2) persuni li jkunu kompetenti fil-qasam tal-Kwalità tal-Assigurazzjoni fl-Edukazzjoni li għandhom jinħatru għal perjodu massimu ta' erba' (4) snin;

Verżjoni Elettronika

(e) avukat li jkollu l-esperjenza u l-kwalitajiet meħtieġa skont il-liġi sabiex jiġi appuntat maġistrat li għandu jinħatar għal perjodu massimu ta' tliet (3) snin;

(f) persuna waħda (1) mill-qasam Mediku jew professjonijiet anċillari li għandha tinħatar għal perjodu massimu ta' tliet (3) snin;

(g) żewġ (2) studenti li jkunu qegħdin isegwu programm ta' studju sħiħ li jwassal għal kwalifika f'Livell MQF 7 jew ogħla u li għandhom jokkupaw l-irwol għal perjodu massimu ta' sentejn (2).".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 177 tat-22 ta' Novembru, 2023.

ANĠLU FARRUGIA
Speaker

RAYMOND SCICLUNA
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati